A.L. 107 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)
Statut I13 — L-Istitut għall-Istudji taż-Żgħażagħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-iStatut I13 — L-Istitut għall-Istudji taż-Żgħażagħ.

Statut I13 — L-Istitut għall-Istudji taż-Żgħażagħ

1. B'dan qed jitwaqqaf fl-Università l-Istitut għall-Istudji taż-Żgħażagħ.

2. L-Istitut għandu dawn l-iskopijiet:

(a) li jorganizza korsijiet li jwasslu għal ċertifikat, diploma jew grad skond l-istatuti u r-regolamenti ta' l-Università;

(b) li jagħmel tiftix b'enfasi fuq l-istudji taż-żgħażagħ;

(ċ) li jorganizza konferenzi, seminarji u laqgħat oħra biex ikunu studjati suġġetti ta' interess dwar l-istudji taż-żgħażagħ;

(d) li jiżviluppa kuntatti internazzjonali ma' istituzzjonijiet simili u ma' Universitajiet barranin, l-aktar ma' dawk li jispeċjalizzaw fl-istudji taż-żgħażagħ; u

(e) li jagħmel kull ħaġa oħra li sservi jew twassal għall-iskopijiet fuq imsemmija.

3. L-Istitut jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:
President: Ir-Rettur jew delegat tiegħu;
Viċi-President: Id-Direttur ta' l-Istitut;
Membru maħtur mill-Ministru responsabbli għaż-Żgħażagħ;
Membru maħtur mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ;
Membru elett mill-membri akkademiċi ta' l-Istitut u minn fosthom;
Membru elett mill-istudenti ta' l-Istitut u minn fosthom;
Membru maħtur mill-Kunsill;
Membru maħtur mis-Senat;
Żewġ membri oħra li jistgħu jkunu msejħa mill-Bord.

4. Xogħol il-Bord hu li:

(a) jfassal il-pjan ta' ħidma ta' l-Istitut biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut;

(b) jiżgura li l-finanzi ta' l-Istitut jitħaddmu tajjeb; u

(ċ) jaħdem id f'id ma' korpi oħrajn, lokali u barranin, biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut.

5. (1) L-Istitut ikollu Direttur u staff.

(2) Id-Direttur jinħatar għal tliet snin mill-Kunsill ta' l-Università wara sejħa għall-applikazzjonijiet;

(3) Membri akkademiċi maħtura mill-Kunsill b'rakkomandazzjoni tal-Bord;

(4) Staff amministrattiv u klerikali skond kif jaħtar il-Bord.

6. L-Uffiċjal Finanzjarju ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istitut.

Id-Direttur għandu jħejji l-estmi ta' kull sena ta' l-Istitut u jressaqhom lill-Bord biex japprovahom.

Id-Direttur irid jissottometti wkoll stqarrija finanzjarja lill-Kunsill u rapport ta' kull sena fuq il-ħidmiet ta' l-Istitut lis-Senat u lill-Kunsill.

7. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord iżda jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.